


# L-oriġini u l-iżvilupp tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fir-Rabat ta' Malta

Kitba ta' Joseph Sultana

## Il-miġja tal-Konti Ruġġieru

Fl-Lulju tas-sena 1091, il-Konti Ruġġieru ħabat għal Malta, wara xi ftit ġlied baqa' tiela lejn il-Belt kapitali l-Imdina fil-waqt li s-suldati tiegħu komplew jieħdu f'idejhom il-gżira. Fil-belt kien hemm il-Ħakem, jew il-qādī, li dan kif ra l-qawwa tan-Normanni ftiehem il-kundizzjonijiet tal-waqgħa tal-Gżira. Skond kif jgħarrafna Goffredu Malaterra dawn kienu somma flus f'valuta tal-fidda darba fis-sena, bħala ħaraġ, u l-Insara jingħataw minnufih il-ħelsien.

Malaterra jkompli jgħarrafna li hekk kif inħelsu l-kristjani dawn ġrew lejn il-Konti bi zkuk f'idejhom għamla ta' salib u jgħajtu *Kyrie Eleison* (Mulej ħniena). In-Normanni meta raw din ix-xena mħeġġa ħarġilhom id-dmugħ.[18] Ir-rakkont ikompli li dawn telqu minn Malta fejn għamlu l-istess wkoll f'Għawdex. Ħa miegħu lejn diversi pajjiżi mnejn kienu nqabdu dawn il-priġunieri Insara Griegi. Fi Sqallija dawn l-insara meħlusa rrifjutaw li l-Konti Ruġġieru jibnilhom belt għalihom għax riedu li jmorru lejn art twelidhom.[19] Malaterra ma jsemmi xejn rigward l-Insara Maltin li kif għidna qabel kien hemm wied imsemmi għalihom Wied ir-Rum "il-Wied tal-insara", kif ukoll bieb il-Griegi fl-Imdina.

Hu magħruf li dawn l-Insara kien ikollhom tpinġija (tattus) b'simboli Kristjani biex jingħarfu minn dawk Musulmani.[20] Fil-Liturġija tal-Knisja tagħna għad baqa' kliem tifkiriet ta' dan iż-żmien bħal Lapsi (mil-Grieg *analepsis*), Miru għall Griżma tal-Morda (li llum ma'għadhiex użata), liti, litanie u oħrajn.[21]

Ta' nteress huwa li f'dan il-perjodu bikri għall-qawmien mill-ġdid tal-Kristjaneżmu l-Maltin kienu


Pittura ta' Alessio Erardi il-Konti Ruġġieru f'Malta.


L-inkurunazzjoni ta' Ruġġieru II minn Ġesù Kristu, mużajk tas-seklu 12.

jħaddnu r-rit Grieg u mhux dak latin li daħħlu magħhom in-Normanni. Dan ifisser li l-irħieb fil-gżira ta' Malta li kienu jipprattikaw ir-rit Grieg baqgħu jagħmlu dan anke taħt il-ħakma Musulmana. Xorta waħda f'dan il-perjodu Normann l-Islam kien għadu jiġi amministrat sewwa f'Malta, xiehda ta' dan hija l-iskrizzjoni tal-irħam bil-kufiku, Għarbi primittiv tal-qabar ta' Majmuma li kienet instabet ġewwa s-Sannat Għawdex. Minkejja l-prattika tal-Islam, il-knisja ta' Malta bil-mod il-mod bdied tiġi organizzata sew. L-Għarab fil-Liturġija Nisranija ħallewna kliem li għadu użat, bħal "għasar", "Randan", "Milied", "Għid il-Kbir" u oħrajn.[22]

Malta u Għawdex baqgħu amministrati mis-Saraċini sas-sena 1127, meta Ruġġieru II nnifsu it-tifel tal-Konti Ruġġieru reġa' żbarka bil-flotta tiegħu biex jerġgħa jamministra l-artijiet u l-imperu tiegħu minn taħt idejn l-Għarab.[23]

Ma kien hemm l-ebda ħakma fuq Malta li ħalliet daqsekk tradizzjonijiet u leġġendi daqs dik Normanna. Ser inħallu barra dik ta' li żbark f'Miġra l-Ferħa għaliex żbark ta' din ix-xorta huwa mpossibli f'dawk l-inħawi, u l-oħra l-għoti tal-kuluri tal-bandiera tagħna li skond dan il-fatt illum universalment mhux aċċettat minn kwartieri akkademiċi.

Għalkemm jista' jkun li l-kuluri fl-istemma ta' Hauteville ġew mogħtija bħala stemma ta' Malta u wara ħafna żmien il-Maltin użawhom għall-bandiera nazzjonali. Dan għaliex fil-Katidral Medjovali il-kuluri nazzjonali mhux biss insibuhom fuq it-tron imma skolpiti u mpittrin fuq ħafna mill-amara li kellu dan il-Katidral li l-ewwel referenzi għalih imorru lura sa l-1244.

Uħud mill-leġġendi li jagħmlu sens huma li il-Maltin meta ltaqgħu mal-Konti Ruġġieru dawn għaddewh minn Wied ir-Rum, (Wied l-Insara) biex wassluħ sal-Belt tal-Imdina.[24]

Leġġenda oħra tgħid li l-Maltin waqqfu monument 'il barra mill-Imdina l-post eżatt fejn il-Konti Ruġġieru ta l-ħelsien lil kaptivi Insara Griegi fejn dawn marru jilqgħuh bil-friegħi taż-żebbuġ b'forma ta' slaleb u weraq tal-palm bl-għajjat ta' Kyrie Eleison. Sa ftit snin ilu kienet issir purċissjoni antika mill-Kapitlu tal-Katidral tal-Imdina bil-kant tal-Passju ta' San Mattew sa fejn hemm dan is-Salib Normann fil-ġnien ta' quddiem l-Imdina, fejn kienu jħallu marbut mas-salib friegħi taż-żebbuġ li jkun imbierek f'dak il-jum stess ta' Ħadd il-Palm u mal-kolonna weraq tal-Palm.[25] Dawn il-friegħi taż-żebbuġ kienu sena kienu jittieħdu biex jinħarqu, u l-irmied kien jintuża għall-Ras ir-Randan. Leġġenda oħra li għandha x'taqsam mal-kult tal-Ġimgħa l-Kbira hija li tfajla li kienet qegħda tirgħa n-ngħaġ



Salib Normann mwaqqaf mill-Maltin fil-ġnien quddiem l-Imdina.

in-naħa ta' Qalgħet il-Baħrija bil-moħbi qagħdet tisma' konġura minn xi Għarab biex jerġgħu jieħdu taħt idejhom l-amministrazzjoni tal-pajjiż waqt il-funzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Katidral tal-Imdina. Hija telqet tiġri r-Rabat fejn kixfet din il-konġura li kellhom jagħmlu l-Għarab. Jingħad li meta l-Maltin saru jafu, dawn b'sorpriża għal-Għarab qagħdu jistennewhom u ħabtu għalihom bl-għajjat "Għall-Klieb" fejn il-post għadu msemmi sal-lum *Għajn il-Klieb* u qatlu xi wħud minnhom.[26] Jista' jkun li din il-leġġenda fiha xi verità għaliex f'dawk iż-żminijiet xi Maltin kienu ġew ikkastigati għaliex qatlu xi Għarab.[27] Skont Abela dan il-fatt ġara fl-1127 għalhekk ġie Malta l-Konti Ruġġieru II biex jerġa' jirrestawra l-ordni f'pajjiżna u jamministra b'aktar qawwa l-ħakma tiegħu.[28]

Minn dawn it-tradizzjonijiet ferm antiki jikkonferma kemm fir-Rabat u l-Imdina minn żminijiet imbegħda ħassew li kellhom jagħtu importanza lill-Kult tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

## Jibda l-Bini tal-Knejjes u l-Kappelli

Mal-miġja tal-Anġevini s-sistema tal-Gvern ta' Malta bdiet tiġi organizzata aħjar. Ġiet iffurmata l-Università li kienet forma ta' Gvern lokali magħmula minn *Capitano della Verga,* ħakem, u erba' *iudices,* ġurati. L-istruttura tal-Knisja ta' Malta u Għawdex ekkleżjastika ukoll hi xhieda tal-bidla kbira li saret. Id-djoċesi ġiet organizzata fuq stil Ruman. Il-Katidral kien immexxi minn



Uħud mil-lapidi vottivi li nstabu mill-knisja l-qadima tal-1504 iddedikata lil Sant'Agata martri.

arċidjaknu, il-vigarju kapitulari, b'kantur u kanoniċi jiffunzjonaw fih.[29]

Il-kappelli troglođiti fejn kienu għall-sekli sħaħ jingabru l-Insara biex jiċċelebraw il-funzjonijiet liturġiċi baqgħu jintużaw anke fis-seklu 12 u bidu tas-seklu 13. Speċjalment l-inħawi tar-Rabat kull fejn kien hemm kappelli troglođiti ġew trasformati f'kappelli mibnija, dan għadna narawh sal-lum fejn hemm l-għar ta' San Anard hemm il-kappella tal-Lunzjata, fuq il-katakombi tal-Virtù, inbniet il-kappella ta' Santa Marija tal-Virtù, fejn hemm il-katakombi u l-kripta ta' San Katald insibu l-kappella dedikata għalih. Fejn kienet maħsuba l-Bażilika tal-Abatija tad-Dejr Greko-Romana ftit 'il bogħod inbniet il-kappella tat-Twelid tal-Bambin (tax-Xerri). Fuq il-grotta ta' San Pawl insibu l-knisja ta' San Publiju. Qabel ma stabilixxa ruħu l-ordni Dumnikan f'Malta fir-Rabat fl-1460 fil-post magħżul kienet teżisti kappella trogdolita "*Sancta Maria de gructa*". L-Isqof Alagona u l-kapitlu tal-Katidral ħabirku ħafna biex fuq dan l-għar tal-Madonna tinbena knisja u kunvent.[30] Fuq il-kripta ta' Sant'Agata, fl-1504 nbniet il-knisja dedikata l-istess qaddisa. Ta' interess hu li meta ġiet mwaqqgħa din il-knisja fl-1670 biex tinbena oħra akbar instabu għadd ta' lapidi votivi 89 b'kollox. Fuq waħda mill-ġebel hemm skrizzjoni li tgħid,"Dan it-Tempju ġie mibni għall-qima ta' Alla u Sant'Agata Verġni fl-1504". F'oħrajn insibu simboli kristjani medjovali, slaleb Griegi u xbieha ta' kurċifiss.[31] Ta' interess ukoll li fl-entratura tal-Belt tal-Imdina kien hemm knisja żgħira dedikata lill-Kurċifiss, is-Salib Mqaddes, li tmur lura għal qabel l-1398 iżda din ġiet mwaqqgħa f'nofs is-seklu 18 għax il-Gran Mastru Antoine Manuel de Vilhena ried jibni Palazz Maġisterjali, u jibni entratura ġdida għall-Belt tal-Imdina.[32]

Dan juri kemm kienet qawwija u profonda d-devozzjoni tal-poplu Rabti lejn il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

Żgur li fis-sena 870 wara Kristu qabel il-miġja tal-Għarab kien jeżisti l-Katidral ġewwa l-belt ta' Melita, imma qatt ma nstabet indikazzjoni eżatta tas-sit tiegħu. Skont it-tradizzjoni l-Katidral ġie mibni fuq is-sit tal-Palazz ta' Publiju kif tixhed l-iskrizzjoni li tinsab fuq il-bieb prinċipali tiegħu fejn kien iddedikat lil Santa Marija bħal kull Katidral li kien hemm ġewwa Sqallija.[33] Malaterra jispeċifika li fl-1088 l-Konti Ruġġieru ta ordni biex isir il-bini ta' knejjes ma' Sqallija kollha.[34] F'Malta l-Konti Ruġġieru reġa' rregala l-Katidral ta' Malta lil Kristjani u ħatar lil Isqof Gualterio fejn inkludieh fir-renju tiegħu, wara li kien ġie meħud mill-Għarab biex jiffunzjona bħala Moskeja.[35] Referenzi għalih imorru lura għal 1299 fejn issa nsibuh iddedikat lil San Pietru u San Pawl.[36] Imma dokument tal-1244 miktub mill-Kanonku Johannes Zafarana *Maltensis canonicus* fl-arkivju *Capitolare di Agrigento,* jidher li kien diġà jiffunzjona.[37] Dokument ieħor tal-1270 jirreferi għall-Arċidjaknu u Vigarju Kapitulari. L-Arċidjaknu kien il-kap tal-kapitlu l-għola dinjita wara l-Isqof.

Id-deċiżjoni li dan il-Katidral Sikolo Normann jinħatt u jinbena akbar fuq stil Barokk Ruman kienet saret ħafna qabel it-terremot tal-1693 fejn din it-tgħeżieża kienet għamlet ħafna konsenturi u ħsarat oħra.[38] Infatti nsibu li fl-1690 tliet snin qabel it-terremot waqt li kien qiegħed jinħatt il-kampnar istabu stemmi dekorattivi tal-familja Hautville li jmorru lura għall-1100.[39]

Dan il-Katidral medjevali kien knisja mdaqqsa b'korsija u żewġ navi mifruda minn xulxin b'erba' kolonni. Is-saqaf kien magħmul mill-injam u jserraħ direttament fuq il-kapitelli. Il-kampnar kien maqtugħ mill-kumplament tal-knisja b'qanpiena magħmula Venezja fl-1370. Fl-1419, il-Katidral ġie mkabbar biż-żieda ta' żewġ kappelluni u kor.[40]

Fil-pajjiżi Ewropej fejn oriġinaw il-Fratellanzi t-tiftix tal-oriġini tagħhom huwa diffiċli ferm, għaliex hemm nuqqas ta' dokumentazzjoni. Il-kelma Fratellanza ġejja mill-latin *CUM FRATIS* bħal aħwa.[41] F'Napli fis-sena 924 ġa konna nsibu għaqdiet simili bħall-fratellanzi.[42] Dawn il-Fratellanzi kien ikollhom il-qaddis protettur tagħhom, jew imwaqqfa taħt it-titlu ta' xi qaddis. Għalkemm il-Fratellanzi antiki ġewwa Sqallija kienu jorganizzaw il-festa tal-patrun tagħhom kienu jieħdu sehem ukoll fil-liturġija



Il-Katidral medjovali fiċ-ċentru tal-Imdina (pittura ta' Matteo Perez d'Aleccio fil-Palazz tal-President).



Pjanta tas-seklu sbatax tal-Katidral l-antik ta' Malta.



Il-Fratellanza ta' San Ġużepp tar-Rabat Malta.

tal-Ġimgħa Mqaddsa li kienet ġejja minn oriġini Spanjola.[43] Dokumentazzjoni dwar il-Fratellanzi antiki ġewwa Sqallija jmorru lura għal 1260. Kien l-eremita Ranieri Fasanidia da San Sepolcro minn Perugia waqqaf il-moviment "Disciplinati" li kienu jifflaġellaw lilhom infushom li tissejjaħ "disiplina" biex tfakkar il-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Hekk ittrasformaw fi fratelli li jieħdu sehem fil-purċissjonijiet u anke ċerimonji funebri, fejn kienu jagħmlu opri ta' karità għall-morda, lill-fqar, lill-ħabsin u l-ikkundannati għall-mewt. Dawn kienu jilbsu abjad b'wiċċhom mgħotti b'kapoċċ abjad f'rashom b'salib aħmar fuq sidirhom u bil-kurdun biex isawtu lilhom infushom u jitolbu għal midinbin biex jindmu minn ħtijiethom.[44] F'dawn l-aħħar snin l-istudjużi tagħna tawna tagħrif ġdid dwar ġrajjiet li seħħew fis-seklu tlettax u erbatax żmien li nqisuh bħala l-medjuevu tardiv. Jekk f'pajjiżna kważi nqerdu d-dokumentazzjoni kollha, fi Sqallija għadna naraw xaqq ta' dawl, għax fejn dak li ġara hemm b'xi mod laqgħat lilna wkoll.

Tajjeb li nitkellmu issa fuq il-Fratellanza ta' San Ġużepp li minn dejjem kellha l-inkarigu li tieħu ħsieb il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira barra li tieħu sehem sħiħ fil-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa. Din il-Fratellanza taħt it-titlu ta' San Ġużepp ġiet aktarx imwaqqfa mill-kwantità kbira ta' ħaddiema fl-injam *Maestri d'Ascia Carpintieri* jew *Falegnami,* li kellhom l-għixien tagħhom f'dawn l-inħawi tar-Rabat tal-Imdina u fl-Istess Belt Notabile. Infatti nsibu dokument antik ta' bandu li ħareġ mill-Università fl-1461 fejn seba' mastrudaxxi qablu li jobdu l-ordni muniċipali biex jaħdmu ġewwa l-Imdina u ieħor ta' għadd ta' mastrudaxxi li kisbu l-jedd mingħand il-viċi-re li jibqgħu miftuħin fir-Rabat tal-Imdina. Il-Professur Andrew P Vella jikkwota f'paġna 137, Vol. 1. Storja ta' Malta, In-nies tas-snajja kif ukoll il-professjonisti bħat-tobba għamlu għaqdiet għalihom bħal *Trade*

*Unions, Guilds* jew Fratellanzi taħt il-patroċinju tal-Madonna jew xi Qaddis : hekk jissemmew iż-żewġ Fratellanzi ta' San Ġużepp tar-Rabat u tal-Lunzjata tal-Birgu li huma meqjusin bħala l-eqdem għaqdiet li kellna f'Malta. Dan il-fenominu ta' artiġjanat f'din ir-rokna tar-Rabat konna għandna narawh sa ftit ta' żmien ilu b'ħafna mħażen artiġjanali l-aktar mastrudaxxi. Il-perjodu li twaqqfet din il-Fratellanza, Malta kienet taħt il-ħakma Aragoniża (1282-1530). Dawn il-Fratellanzi fil-Ġimgħa Mqaddsa kienu jifflaġellaw lilhom infushom, u l-ewwel dokumentazzjoni li xi Fratellanza kienet tagħmel hekk f'pajjiżna kienet il-Fratellanza ta' San Ġużepp. Hekk ser naraw kemm hemm xebh u influwenza f'kollox minn dawn il-Fratellanzi antiki ta' Sqallija li b' xi mod dawn kellhom influwenza mid-dominju Spanjola. Skont l-istoriċi kollha jaqblu li l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat hija l-aktar Fratellanza antika tal-gżejjer Maltin.

Jissemmew is-snin tal-1245 u l-1345 bħala dati tat-twaqqif tal-Fratellanza ta' San Ġużepp.[45] Jeżistu kitbiet li din twaqqfet fi żmien l-Isqof Franġiskan Mons Nicolaus Boneti li kien għalliem mill-aqwa tat-Teoloġija u dixxiplu tal-B. Giovanni Duns Scoto. Jista' jkun li dawn il-kitbiet huma żbaljati għaliex hu magħruf li dan miet f'pajjiżna fl-1343.[46] Nota ukoll fl-arkivju tal-fratellanza tal-1662 insibu li l-patrijiet fil-kunvent tagħhom kellhom dokument li din ġiet imwaqqfa fl-1345 iżda nsibu wkoll li din ġiet imwaqqfa mitejn sena qabel il-bini tal-kunvent tal-Patrijiet Franġiskani Osservanti, illum Minuri. Dan id-dokument kien f'idejn il-Visitatur Ġenerali Diego Antonio da Frignano, iżda illum huwa mitluf.[47] F'dokument notarili ta' Paolo Bonello tal-1508 jsemmi b'ċertezza li l-Fratellanza antika ta' San Ġużepp hija attiva ħafna u organizzata.[48]

Meta nqalgħet tilwima bejn il-Fratellanza ta' San Ġużepp u l-Fratellanza dik tar-Rużarju li twaqqfet lejn l-aħħar tas-seklu sittax fejn kienet stabilita ġewwa l-knisja ta' San Duminku u dik ta' Santa Marija ta' Ħ'Attard li twaqqfet 14 ta' Frar 1499 fuq il-preċedenza, l-Awtorità Ekleżjastika tat raġun lil dik ta' San Ġużepp tar-Rabat li tieħu l-preċedenza fuq il-Fratellanzi kollha ta' Malta u anke fuq dik il-Fratellanza tal-Gandlora tal-Birgu li twaqqfet fl-20 ta' Mejju tal-1445 mill-Isqof Senator de Mello.[49] Dan żgur li l-Awtorità Ekkleżjastika kellhom f'idejhom id-dokumenti awtentiċi dwar it-twaqqif tal-Fratellanza ta' San Ġużepp.

Imma x'ġara minn dawn id-dokumenti awtentiċi li kellha l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp? Fis-seklu sittax Malta u Għawdex għaddew minn żewġ assedji tal-biża l-ewwel fl-1551 meta l-Ġeneral Sinam Pascià u Dragut Rais b'armata ta' 10,000 Tork assedjaw il-belt tal-Imdina u għamlu ħerba mis-subborg tar-Rabat. It-tieni fl-assedju l-kbir ta' 1565 fejn l-armata Torka ħarbtet il-kampanja kollha u r-Rabat magħhom fejn kienet tgħasses il-ħin kollu l-belt tal-Imdina għall-eventwalità ta' attakk għall-għarrieda. Ma nafux xi ħsara kien hemm fil-Knisja u l-kunvent ta' Santa Marija di Ġesù imma minn dokument tal-Università tal-Imdina l-Knisja u l-kunventi tal-Agostinjani u Dumnikani kellhom ħsarat kbar. Jista' jkun li dawn id-dokumenti ntilfu f'dawn iż-żminijiet koroh għal pajjiżna.[50]

Iżda l-aktar teorija plawsibli x'ġara mill-arkivju tal-Arċikonfraternità hija meta Il-Viżitatur Appostoliku Mons. Pietro Dusina, fl-1575 ried li jgħaqqad il-Fratellanza ta' San Ġużepp ma' dik ta' San Mark tal-Agostinjani biex issir Fratellanza waħda dik ta' San Pawl, jidher li din kienet imwaqqfa snin qabel iżda ma kinetx baqgħet tiffunzjona.[51] Dik tas-Sagrament twaqqfet aktar tard u ordna biex l-arkivji tal-Fratellanzi jiġu trasferiti fil-Knisja ta' San Pawl. Mela la l-Viżitatur Appostoliku għamel din l-ordni dawn id-dokumenti kienu jeżistu. Teorija oħra x'seta' ġara hija mid-dokumenti li jinsabu fl-arkivju tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, hija li l-lista tar-Retturi u l-minuti tal-laqgħat tibda b'mod regolari mill-1662. Dan ġara għax meta nqalet tilwima kbira bejn il-Fratellanza ta' San Ġużepp li kienet tieħu ħsieb fl-imkien ma dik ta' San Mark, il-purċissjoni tas-Sagrament mill-1575 u dik tas-Sagrament li kienet għadha kemm twaqqfet fil-knisja ta' San Pawl fl-1663 fejn riedu il-preċedenza huma fil-purċissjoni. Il-Vigarju Kapitulari qatagħha li l-preċedenza teħodha dik tas-Sagrament li kienet għadha kemm twaqqfet f'San Pawl u dik ta' San Ġużepp igawdu l-preċedenza kullimkien fuq kull Fratellanza oħra f'Malta. Minn hawn 'il quddiem l-awtonomija sħiħa f'sens legali l-Fratellanza ta' San Ġużepp kienet ġa ħaditha fl-1662 u ma kellha x'taqsam ma ħadd aktar. Jidher li dawn id-dokumenti u l-minuti regolari tal-Fratellanza ferm antiki u imprezzabbli tħallew fil-knisja ta' San Pawl fejn ġew minsija jew intilfu darba għal dejjem u ħadd ma jaf x'ġara minnhom.[52] Jekk vera ġara hekk dan kien perjodu iswed għall-Fratellanza u għall-istorja ta' pajjiżna. Infatti f'din l-istess sena jiġifieri fl-1662, ġew approvati kanonikament l-Istatuti ta' din il-Fratellanza, mill-Isqof Mons. Fra Don Michele Giovanni Balaguer da Camarasa.[53]

Jidher li din l-għaqda qatt ma verament seħħet, għax minn dokumenti Notarili jidher li dik ta' San Ġużepp u l-oħra ta' San Mark baqgħu jiffunzjonaw għal rashom. Mhux hekk biss, iżda fl-1590 xi fratelli ta' San Ġużepp ordnaw għall-kappella tagħhom pittura, il-ħarba tal-Familja Sagra lejn l-Eġittu minn



**Dettal mill-pittura ta' Matteo Purbus fejn qiegħed isir funeral immexxi mill-Fratellanza ta' San Ġużepp.**

għand il-pittur fjamming Matteo Purbus.[54]

B'xorti tajba fis-sena 2000 instab manuskritt antik fl-arkivju tal-Kunvent ta' San Mark tal-Agostinjani minn Patri Mark Cauchi O.S.A. Dan il-manuskritt jittratta dwar it-twaqqif tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, l-iżvilupp tagħha, ir-regolamenti, funzjonijiet u tant ħwejjeġ oħra.

F'dan il-manuskritt hemm "li l-Konti Ruġġieru wara r-rebħa li ġieb fuq is-Seraċini fil-Gżejjer Maltin, ġew mwaqqfa , irranġati, knejjes, oratorji, sptarijiet, fratellanzi u ħwejjeġ oħra," *"di pieta"*. Dan kien ġara fis-sena 1090. *"Ancor dopo la sua partenza il Conte Roggiero varie chiese, altri, ospedali, confraternite' del altre cose pie da lui erette, come anche 155 anni dopo il suo arrivo a codesta Isola che fu' l'anno 1090 bel sertodi glorie al glorioso Patriarca San Guzeppe le umili fundamenta di una confraternità in una chiesa sotto l'intercessione del suo santo nome dedicata magnificatamente aveva e quale sin dall' anno 1245 di si festoso trionfo edi una si pregia tanto celebre Protettore vantasi suoi natali."* Fis-sena 1245 sewwa sew 155 sena wara l-miġja tal-Konti Ruġġieru, ġiet imwaqqfa l-Fratellanza ta' San Ġużepp fir-Rabat tal-Imdina.[55]



**Il-Ħarba lejn l-Eġittu ta' Matteo Purbus tal-1590 li kien it-titular tal-kappella ta' San Ġużepp. Taħt jidhru jakkumpanjaw funeral proċessjonalment il-fratelli ta' San Ġużepp mill-Imdina sar-Rabat, wieħed mill-obbligi tal-Fratellanza kif indikaw il-fratelli lill-artist li kien qiegħed ipinġi l-inkwatru fil-Kunvent tal-Patrijiet Franġiskani Osservanti (Minuri).**

**Referenzi**

[19] Wettinger. *The "Norman" Heritage of Malta, Treasures of Malta*. P.34.

[20] Wettinger. p.36. ara ukoll De Soldanis Aġius Ġann Piet Franġisk. *Għawdex bil-ġrajjiet tiegħu.p.69.*

[21] P. Vella.Vol1. p.79.

[22] Joseph Bezzina. *L-Istorja tal-Knisja f'Malta* p.64-68.

[23] Dalli, p. 42.

[24] Wettinger. P.37. Kitbiet ta' D. Miege, 1841.

[25] Mario Buħaġiar, *The Columnar Cross in Howard Gardens, Mdina*. Minn studju riċenti ta' Mario Buħaġiar jidher li l-kolonna u l-bażi tagħha kollha tal-irħam hija ta' xi tempju Ruman fejn fil-belt tal-Imdina kienu jinstabu ħafna minnhom madwar it-toroq infatti ħdejn il-Monasteru ta' San Pietru kienu nstabu erba' kolonni kbar fejn hu maħsub li kien tempju ta' Apollo, (G.A. Ċiantar, *Malta illustrata)* imma il-kapitell tal-irħam huwa tal-era Normanna Anġevina (1091 – 1282) bl-iskultura ta' weraq tal-acanthus fil-bażi tagħha u annimali stiliċi bħal iljuni u leopardi. Minn kitbiet ta' Stefano Żerafa 1850 jirriżulta li s-salib kien skolpit fl-irħam u li fil-preżent huwa tal-ġebla tal-franka. Buħaġiar isemmi li l-kapitell u l-kolonna aktarx li hija waħda mill-kolonni fl-istruttura tal-katidral medjavali li kien inħatt wara it-terremot devastanti ta' 1693. Joseph Galea fil-ktieb *Storja tal-Knisja ta' San Mark u l-Kunvent tal-Agostinjani tar-Rabat* ( Malta 1957, 16, 22), jissuġerixxi li skond tradizzjoni antika il-post fejn hemm is-salib kien hemm il-kunvent u l-knisja tal-Agostinjani, fejn dawn inħattu fl-assedju ta' 1551 għax kienu qrib ħafna tas-swar tal-Imdina fejn setgħu jiġu utilizati mill-għadu. Infatti ħafna minn dawn is-slaleb kienu jsiru fuq ordni tal-Isqof kull fejn tkun ġiet mwaqqa' knisja.

[26] Wettinger. P.36.

[27] Bonniċi. P.54.

[28] Anthony T. Luttrell. *Girolomo Manduca and Gian Francesco Abela, Tradition and invention in Maltese Historigraphy.*

[29] Joseph Bezzina. P.76.

[30] Borġ. I** p.516.

[31] Victor Camilleri. *Ex Votos medieval stone votive slabs.*

[32] Borġ. p. 607.

[33] *Ibid.* Ara wkoll p.544, ara ukoll Joseph Muscat. *Mid-dlam għad-dawl. Il-Festi Tagħna.2008-2012.*

[34] *Ibid.*

[35] Wettinger. p.36.

[36] Buħaġiar. p.10. ara ukoll Bezzina. p.72.

37 *Ibid.*
38 Nicholas De Piro. *The Metropolitan Cathedral.*
39 Borġ. p. 542.
40 Bezzina. p.97.
41 Ara https://www troinaturismo it/.
42 Borġ. p. 421.
43 https:// arciconfraternitasanteligio.org.
44 *Ibid.*
45 Georgio Scerri. *Monografia Storica Dell' Antichissima Arciconfraternita del Glorioso Patriarca "San Giuseppe".* Ara ukoll, *Tagħrif dwar il-Veneranda Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, il-Kappella u s-Santwarju Nazzjonali.*
46 Borġ. p.31.
47 Giorgio Scerri. p. 6-7.
48 Ġorġ Aquilina. p .247.
49 Borġ. p.423 ara ukoll. p. 639. Ara ukoll. *Cahiers de Josphologie, cit. 303.* Dokument awtentiku tat-8 ta' Ġunju 1576, hemm miktub li l-Fratellanza ta' San Ġużepp għandha dejjem il-preċedenza u l-unur fuq kull fratellanza minħabba it-twaqqif antik tagħha."*Confraternitas S.Josephi debeat icedere in Processionibus in loco eius erectionem et fundationem antiquam".*
50 Aquilina. p.278.
51 *Ibid.* p.248. Ara ukoll, Borġ. p. 725. Dan kien żball li baqa' jirrepeti ruħu. Jidher ċar li mid-dokumenti Mons Pietro Dusina ried li l-ewwel titwaqqaf il-fratellanza ta' San Pawl għax ma baqetx tiffunzzjona, aktar tard, waqqaf dik tas-Sagrament.
52 Scerri. p.5. Ara ukoll Aquilina. p.250.
53 Anthony Casha. *Tagħrif dwar il-Veneranda Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, il-Kappella u s-Santwarju Nazzjonali.ta' San Ġużepp Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù tal-Patrijiet Franġiskani Rabat tal-Imdina.*p.3.
54 Aquilina.p.291. Fil-kuntratt ta' dan l-inkwatru hemm imniżżel li l-fratelli ndikaw lil artist x'messaġġ riedu iwaslu fid-disinn tiegħu, l-kobor u fejn għandu jiġi mpitter.
55 Mark Cauchi. *Artiklu fuq il-Ġurnal l-orizzont, il-Ħamis, 16 ta' Marzu, 2000.* Ara ukoll *Ark S. Mark,* Rabat fols 2-3.

